**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**(Spettur Joanna Piscopo)**

**vs**

**Kersten Camilleri**

**Simon Camilleri**

**Kumpilazzjoni Numru: 147/2020**

**Illum, sitta (6) ta’ Marzu, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Kersten Camilleri detentur tal-karta tal-identità numru 353289M u Simon Camilleri detentur tal-karta tal-identità numru 453166M akkuzati talli:

1. Talli fl-14 ta' April 2020 ghal habta ta' bejn is-siegha u kwart ta' filghodu gewwa Triq it-Tfief San Gwann ikkommettew serq ta' flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Waqas Gul liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-hin. *Artikoli 261(a)(b)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 270, 275 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li tarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Waqas Gul kontra l-volontà tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikun mgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta hwejjgu; *Artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garrew 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellhom licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija *Artikoli 51(7); 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta*

4. Talli fl-10 ta' April 2020 ghal habta ta' bejn in-nofs siegha ta' filghodu u is-siegha ta' filghodu gewwa Triq il-Gizimina Zabbar ikkommettew serq ta' basket li kien fih flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Lijaz Maqbel Maqboal Ahmed liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin. Artikoli *261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270, 275, 280(2), tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

5 Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li tarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Lijaz Maqbel Maqboal Ahmed kontra l-volontà tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikunu mgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta hwejjgu; *Artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

*6.* Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi garrew 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellhom licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija *Artikoli 51(7); 55(a) tal-Kap 480 tal-ligijiet ta' Malta*

7. Talli bejn it-8 ta' April 2020 f'nofs il-lejl neqsin kwart u id-9 ta' April 2020 f'nofs il-lejl u kwart ta' filghodu gewwa Triq Tal-Karmnu Bormla ikkommettew serq ta' basket li kien fih flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Waqas Gul liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin. *Artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270, 275, 280(2), tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

8. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li tarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Waqas Gul kontra l-volontà tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikunu mgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta hwejjgu; *Artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

9. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi garrew 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellhom licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija *Artikoli 51(7); 55(a) tal-Kap 480 tal-ligijiet ta' Malta*

**Lil Kersten Camilleri wahdu akkuzat ukoll:**

1. Talli fl-14 ta' April 2020 għal ħabta ta' bejn id-disgha u kwart ta' filghaxija u l-ghaxra neqsin kwart ta' filghaxija gewwa Triq San Pawl, Bormla ikkommetta serq ta' basket li kien jikkontjeni flus kontanti u mobile phone minn fuq il-persuna ta' Dean Abela liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin. *Artikoli 261 (a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270, 275, 280(2), tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

2. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li tarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Dean Abela kontra l-volontà tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikunu mgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta hwejjgu; *Artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

3. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija *Artikoli 51(7); 55(a) tal-Kap 480 tal-ligijiet ta' Malta*

4. Talli fil-11 ta’ April 2020 ghall habta tas-saghtejn ta’ filghodu ġewwa Triq San Frangisk Bormla bil-ħsieb li jagħmel reat ta’ serq aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CBS292 ta’ l-għamla Toyota Yaris għad-dannu ta’ Rosanne Aquilina u/jew persuni oħra *skond Art 41, Art 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.*

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara f’vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBS292 tal-ghamla Toyota Yaris, liema hsarat huma ta' anqas minn 250 Ewro ghad-dannu ta’ Rosanne Aquilina. *Art. 325(1)(c) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.*

6. Talli fid-29 ta’ Marzu 2020 xjentement f’Malta laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe vettura tal-ghamla Kia Ceres bin-numri tar-registrazzjoni EAP773, li il-valur taghha jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u disghin centezmu (€232.90) mehuda b’qerq, jew akkwistata b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dan l-oggett. *Artikoli 334 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta*

7. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. S. Grech LL.D, datata 10 ta' Awwissu 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

8. U aktar talli f'dan l-ahhar xhur f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LLD fid-digriet taghha tal-10 ta' Novembru 2017 li bih tat il-helsien mill-arrest. *Artikoli 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

9. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu

**Lil Simon Camilleri wahdu akkuzat ukoll:**

1. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LLD fid-digriet taghha tat-27 ta' Awwissu 2019 li bih tat il-helsien mill-arrest. *Artikoli 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

2. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Antonio Vella LLD fid-digriet tieghu tat-2 ta' Awwissu 2016 li bih ta il-helsien mill-arrest. *Artikoli 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

3. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputati li wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat il-fedina penali tal-imputati li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Awwissu elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) fejn biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija kontra l-imputati u cioè:-

**Fil-konfront ta' Simon Camilleri u Kersten Camilleri**

- Fl-artikoli 17, 31, 383, 384, 385, 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 261(a)(b)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 270, 275 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 86, 87(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 6, 51(7), 55(a) tal-Att Dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270, 275, 279(a), 280(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 6, 51(7), 55(a) tal-Att Dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270, 275, 279(a), 280(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

- Fl-artikoli 51(7); 55(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Fil-konfront ta' Kersten Camilleri wahdu</u>**

- Fl-artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270, 275, 279(a), 280(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
- Fl-artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
- Fl-artikoli 6, 51(7), 55(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
- Fl-artikoli 41, 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 279(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
- Fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
- Fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
- Fl-artikolu 7 tal-Att dwar il-*Probation*, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta,
- Fl-artikolu 579(1)(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
- Fl-artikoli 49, 50, 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Fil-konfront ta' Simon Camilleri wahdu</u>**

- Fl-artikolu 579(1)(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
- Fl-artikolu 579(1)(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
- Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li gew moqrija dawn l-Artikoli lill-imputati, huma ma kellhomx oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu trattati minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tal-avukat difensur ta' Simon Camilleri. Rat illi ghalkemm id-difensur ta' Kersten Camilleri nghatat diversi okkazjonijiet sabiex taghmel it-trattazzjoni taghha anke permezz ta' nota izda din baqghet inadempjenti;

**<u>XHIEDA</u>**

Illi mix-xhieda ta' **<u>Waqas Gul</u>** li hija l-ewwel vittma msemmija fl-akkuzi, hareg illi din kienet saret ordni biex imur fi Triq il-Kuncizzjoni, Isla fl-ghaxra (10) ta' April 2020 u fit-tmienja (8) ta' April 2020 f'nofsillejl. Jghid illi mar fil-post u hemmhekk qalulu li kien f'post hazin u li kellu jmur fic-centru ta' Bormla. Hemmhekk ra zewg irgiel u mar hdejhom sabiex itihom l-ikel li kien gie ordnat. Jghid illi hemmhekk dawk iz-zewg irgiel hadulu l-pouch li fih kellu hames mija u tletin ewro (€530) u telqu jigru. Jghid illi wiehed minnhom li gharaf lill-imputat Kersten

Camilleri kellu sikkina li harigha u heddu biha biex itih dan il-pouch izda meta ra li ma tahulux mill-ewwel dan ir-ragel gibdu minn fuqu. Wara dan il-fatt huwa cempel il-hanut mill-ewwel fejn intqal biex imur hemmhekk u ghamel rapport. Hemmhekk huwa ta' deskrizzjoni tal-malviventi li kien wiehed kbir bejn il-hamsa u hamsin (55) sena u wiehed zghir bejn it-tletin (30) sena. Fil-fatt huwa gharaf lill-imputati bhala dawk il-persuni.

Jghid ukoll illi fl-incident tal-ghaxra (10) ta' April li kien f'San Gwann kien hemm ordni ohra fi Triq it-Tin f'xi s-siegha u nofs ta' filghodu. Meta wasal fuq il-post biex jaghti l-ikel lill-klijent hargu tnejn min-nies minn karrozza u qalulu sabiex itihom il-pouch. Jghid illi wara l-ewwel incident l-imghallem tieghu kien qal lill-haddiema sabiex ma jibqghux igorru fuqhom pouch u ghalhekk beda jzomm il-flus fil-but. Meta qallhom li l-flus kienu gol-but, dawn dahhlu jdejhom fil-but tieghu u hadulu dawn il-flus li kien hemm xi erbghin ewro (€40). Jghid illi t-tnejn li huma kellhom sikkina f'idejhom. Huwa rega' gharaf lill-imputati u jghid illi kienu l-istess persuni li kienu serquh f'Bormla. Jghid illi wara t-tieni rapport mar id-Depot u sar *identification parade* fejn huwa gharaf liz-zewg imputati odjerni (Dok LZ1).

<u>**Charles Zahra**</u> li huwa s-sid tal-hanut Pizza 4U jghid illi huwa ghandu n-negozju tad-delivery tal-pizza u jghid illi kemm-il darba kellu jaghmel rapporti illi xi haddiema tieghu li kienu qeghdin jiehdu l-ikel gew misruqa. Jghid illi kien hemm wiehed

f'Bormla u l-Isla fl-10 ta' April 2020 li sar fuq Waqas, imbaghad kien hemm iehor Haz-Zabbar minn Lijaz, f'Santa Venera, f'Hal Qormi u San Gwann fuq Waqas ukoll. Ix-xhud gie muri dokument LZ17 li huma l-karti tad-deliveries fejn gew innutati li xi numri kienu l-istess specjalment tal-Isla u Bormla. Jghid illi huwa jaf min hu l-imputat Kersten Camilleri peress illi ommu u ohtu kienu jahdmu mieghu. Jghid illi l-haddiema tieghu kienu qalulu li l-imputati kienu l-persuni li kienu serquhom.

Vittma ohra **Lijaz Maqbel Maqboal Ahmed** xehed illi jahdem Pizza 4U bhala *delivery person* meta fl-10 ta' April f'Haz Zabbar fi Triq il-Gizimina u meta habbat il-bieb hareg ragel u beda jargumenta li dik ma kinitx l-ordni tieghu ghaliex hu kien ried spaghetti mhux penne. Ghalhekk hu ddecieda li jcempel il-hanut u minnufih il-klijent dahhal idejh fil-but u hareg sikkina ta' madwar ghoxrin (20) centimetru u ppuntaha lejh u qallu *«Jekk tghajjat noqtlok»* u ordnalu jtih il-*pouch*. Jghid li mbaghad gie ragel iehor minn warajh, tefielu l-karrozza u qallu biex ma jiccaqlaqx. Hu qalilhom illi fil-pouch kellu l-mobajl u xtaq jiehdu lura u dawn ghamlu c-cwievet tal-karrozza u l-mobajl fuq cint u telqu jigru. Ikkonferma illi n-numru tac-cellulari tieghu huwa 79345071 u gharaf liz-zewg imputati bhala dawk il-malviventi u lil Kersten Camilleri bhala dak li kien qed jippunta s-sikkina. Jghid illi fil-pouch kellu bejn tlett mija u erba' mitt ewro (€300-€400). Jghid illi huwa gharaf lill-imputati wkoll wara li saret *identification parade* fid-Depot tal-Pulizija.

**<u>Dean Abela</u>** xehed rigward l-erbatax (14) ta' April 2020 fejn kien mar biex jiddeliverja pizza fl-indirizz 98, Triq Pietru Pawl, f'Bormla fejn il-klijent ta' dan l-indirizz kien qallu li l-ordni li kien qed itih mhix tieghu u ghalhekk cempel fuq in-numru tal-ordni u rrispondih ragel li kien qallu li kien barra u kien ser jigi jiltaqa' mieghu barra. Dan iltaqa' mieghu fil-car park tal-Isla u meta wasal tah l-ordni u dan qallu li kien diga' hallas ghaliha. Ix-xhud qallu li din l-ordni ma kinitx imhallsa u ftit sekondi wara dan il-klijent hareg sikkina bil-manku iswed ghall-ponta u ordnalu sabiex itih il-pouch. Jghid illi l-istint tieghu qallu biex jigri izda dan ir-ragel gera warajh, lahqu u hadlu l-pouch. Jghid però illi din il-persuna giet maqbuda mill-pulizija u nstabu fuqu il-pouch bil-mobajl tieghu fih. Ix-xhud ta' deskrizzjoni tal-pouch u jghid illi dan kien fih diversi pockets kontenenti s-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250), mobajl tax-xoghol u karta tal-epos tal-magna tal-credit cards. Ix-xhud gharaf lill-imputat Kersten Camilleri.

**<u>Roseanne Aquilina</u>** tispjega illi fil-11 ta' April 2020 fis-saghtejn nieqes kwart ta' filghodu (1:45 a.m.) cemplulha tal-RIU tal-pulizija fejn staqsewha jekk il-vettura Toyota Yaris tal-kulur blu bin-numru ta' registrazzjoni CBS 292 kinitx taghha u hija kkonfermat li kienet taghha u qalulha li xi hadd kien qed jipprova jisraqha u li l-malvivent kien ghadu hemmhekk. Tghid illi minhabba dan kellha xi hsarat ammontanti ghal madwar mitejn u tletin ewro (€230) konsistenti hsara mal-lakstu tat-tieqa u l-bieba trid tigi sprejjata mill-gdid. Tghid illi l-pulizija sabu l-oggett li bih

il-malvivent ipprova jiftah il-karrozza li giet misjuba taht il-karrozza stess.

Ix-xhud **Fisal Mohamed Jaqoob** xehed fuq rapport li kien ghamel fuq vann Kia tal-kulur blu li kien ipparkjat f'Bormla u li kien gie misruq f' xi April 2020 li kien imbaghad instab il-Fgura fejn hemmhekk irrizulta li biex il-malvivent/i hadu qaccat il-wajers sabiex jigi startjat.

**WPS41 Elaine Cassar** xehdet a rigward il-vettura ta' Jaqoob u tghid illi dan il-vann bin-numru ta' registrazzjoni EAP 773 instab Rahal Gdid biswit il-habs u fih kien hemm Kersten Camilleri li hija gharfet fl-awla li dan kien bil-qalziet imnizzel u fuq is-seat tal-passiggier kien hemm certu Stephanie Tonna fejn ipprocediet sabiex tarrestahom. Kersten qalilha li dan il-vann kien sabu fuq il-post u peress li kien miftuh iddecieda li jidhol fih sabiex jinnamraw. Meta giet mitkellma Stephanie Tonna qalet lill-pulizija li kienet iltaqghet ma' Kersten hdejn il-*Maxims* fejn dahlu f'dan il-vann u Kersten beda jilghab bil-wajers sabiex jistartjah imbaghad marru f'post iehor. Tghid illi s-sid ikkonferma li dan il-vann kien tieghu izda fih qabel insteraq kellu xi driller u xi flus li ma nstabux fih.

Rapport iehor kien fil-hdax (11) ta' April 2020 fejn membri tal-RIU cemplulha li sabu lill-imputat Kersten Camilleri jipprova jisgassa karrozza CBS 292 u meta waqqfuh qalilhom li kien qed jipprova jiftahha ghaliex kien nesa c-cwievet izda nnutaw li waqghet hadida minn tahtu. Minn stharrig irrizultalha li din

il-vettura kienet tappartjeni lil Rosanne Aquilina minn Bormla fejn ikkonfermat li din il-vettura kienet tuzaha hi biss u qatt ma sellfitha lil hadd u fejn ikkonfermat xi hsarat li ma kienx hemm qabel.

Rapport iehor kien fl-erbatax (14) ta' April 2020 li kien ghamel Dean Abela u kkonfermat dak kollu li kien xehed dwaru l-istess Abela qabilha. Tghid ukoll illi Abela kien taha deskrizzjoni ta' dan il-malvivent fejn kien iddeskrivieh bhala liebes hoodie sewda u bil-lehja ma' wiccu fejn tghid illi mill-ewwel gihom is-suspett fuq l-imputat Kersten Camilleri u meta marru fl-indirizz tieghu ma fetah hadd izda wara li semghu xi hsejjes mir-residenza u kienu ser jisfurzaw il-bieb ta' barra fetah l-imputat Simon Camilleri fejn qalilhom li Kersten ma kienx jinsab fir-residenza izda meta ghamlu perkwizizzjoni fl-abitazzjoni sabu lil Kersten imdendel mal-hadid tat-tieqa ghal fuq barra. Gie nnutat ukoll pouch iswed li kien fil-bitha tar-residenza attigwa fejn kien qed jixxabbat Kersten u ghalhekk gabruh. Dan kien fih numru ta' rcevuti (Dok PS1) li kienu jappartjenu l-ordni li kien qed iqassam Dean Abela dakinhar tas-serqa. Tghid illi mill-perkwizizzjoni tal-abitazzjoni fejn kien Kersten senjatament fil-magna tal-hasil tal-hwejjeg instabu mitejn u sebgha u erbghin ewro (€247) u mal-hajt fejn instab imdendel Kersten mal-katusa instabu zewg mobajls, wiehed tal-ghamla Samsung li kien jappartjeni lill-vittma u iehor tal-marka Redimi ta' lewn iswed. Tghid li giet elevata wkoll karozza li tappartjeni lil omm Kersten fejn hemm kien instab xi mobajl li gie elevat. Tghid illi l-vittma Dean Abela

kkonferma li l-pouch kien tieghu (Dok EC1). Instabu wkoll fil-kcina pouch iehor (Dok EC2) flimkien ma' zewg mobajls wiehed Samsung li fih kellu SIM u l-iehor Nokia bil-batteriji.

Dokument KC1 gie pprezentat mill-espert tal-informatika **Keith Cutajar** li analizza xi filmat esebit bhala Dok LZ16 minn zewg postijiet partikulari wiehed f'San Gwann u l-iehor fi Triq it-Tfief u nizzel numru ta' stills. Dan jghid illi minn dawn il-filmati hareg car illi kienet qed issir xi serqa li kienet tinvolvi mutur.

Xehed rapprezentant tal-*Go Mobile* u cioè **Dr. Anthony Bonnici** li pprezenta call logs li dahlu fuq il-linja 21255000 bejn it-tmienja (8) ta' April u l-ghaxra (10) ta' April 2020 ukoll fir-rigward ta' mobajl bin-numru 79395428 (Dok AB1).

**Charmaine Zammit** ghan-nom tal-*Vodafone* pprezentat ir-ricerka taghha (Dok CZ1) bejn in-numri 99674907 u 99798171 fl-istess dati.

**Amelie Abela** pprezentat ir-ricerka taghha ghan-nom ta' *Melita Ltd.* Min-numru 77975999 bejn it-tmienja (8) u l-erbatax (14) ta' April 2020 (Dok. AA1).

Rapprezentanta tat-Transport Malta u cioè **Vanessa Camilleri** kkonfermat illi vettura Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni CAC 305 kienet registrata fuq Victoria Agius minn Dicembru 2019.

Gie kkonfermat minn **WPC117 Silvia Zarb** li Simon Camilleri ma jippossjedi l-ebda licenzja sabiex igorr arma u **WPC404 Michela Bonnici** kkonfermat li Kersten Camilleri lanqas ma jipposjedi tali licenzja.

Id-direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali **Eunice Grech Fiorini** kkonfermat is-sentenzi segwenti: sentenza moghtija mill-Magistrat Simone Grech (10/08/2019) kontra Kersten Camilleri (Dok EGF1), mill-Magistrat Antonio Mizzi (08/11/2012) kontra Kersten Camilleri (Dok EGF2), Magistrat Audrey Demicoli (01/03/2012) kontra Kersten Camilleri (Dok EGF3), Magistrat Anthony Vella (26/10/2017) kontra Kersten Camilleri (Dok EGF4), Magistrat Natasha Galea Sciberras (28/10/2017) kontra Simon Camilleri (Dok EGF5), Magistrat Ian Farrugia (24/09/2015) kontra Simon Camilleri (Dok EGF6), Imhallef Consuelo Scerri Herrera tal-Appell Kriminali kontra Simon Camilleri (02/07/2020) (Dok EGF7). Tghid li dawn is-sentenzi huma kollha konkluzi u definittivi.

Ingabet il-konferma minn **Stephen Cachia** ghan-nom tat-Transport Malta li vettura Toyota Yaris CBS 292 hija registrata fuq Rosanne Aquilina detentrici tal-karta tal-identità 289288(M) u li vettura EAP 773 tal-ghamla Kia Ceres hija registrata fuq Fisal Muhamed Jakob detentur tal-passaport 2008927P.

**Stephanie Tonna** li kienet giet misjuba fil-vann EAP 773 ma' Kersten Camilleri xehdet bil-gurament u qalet li kienet

iltaqghet ma' Kersten u qallha sabiex titla' fil-vann. Wara li telghu fil-vann hija meta kienet fuq il-pedana ma ftakritx kif Kersten startja l-vann u tghid illi saq ghal hdejn it-Transport Malta u hemmhekk waqqfuhom il-pulizija.

**L-Ispettur Fabian Fleri** jispjega kif kellhom suspetti li l-imputati wettqu r-reati ta' serq odjerni u dan ghaliex kienu fil-pussess ta' xi filmati li ghalkemm ma kinux cari juru li f'wiehed mill-postijiet tas-serqa kienet tidher vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni CAC 303 jew xi haga simili li dan in-numru kien jappartjeni ghal van Ford Transit li kien hemm rapport li dan in-numru kien insteraq. Illi sussegwentement ghall-arrest ta' Kersten Camilleri dan kien ammetta li s-serqiet kien ghamilhom hu flimkien ma' Simon Camilleri u li l-vettura kellha n-numru CAC 305.

Ix-xhieda ta' **PC1087 Roderick Degorgio** mill-Major Crimes hija importanti ghaliex spjega t-timeline ta' kif waslu ghall-akkuzati permezz tal-kameras tas-sigurtà. Jghid illi fis-serqa ta' San Gwann fi Triq it-Tfief fejn ghamel download tal-kameras u jidher id-delitt isir. Jidher il-mutur tal-vittma u l-Fiat Punto li kienu qed jaghmlu uzu minnha l-akkuzati warajh. Jidher ukoll illi meta l-mutur ipparkja biex il-vittma tiehu l-ikel, tnejn min-nies kienu qed jistennew fil-kantuniera. Xhin isib ir-residenza jmur wiehed minnhom lejh izda meta johrog is-sid tar-residenza li kien ordna jidher ihares lejh, u din il-persuna terga' ddur lura u terga' tmur lejn il-kantuniera hdejn siehbu li jergghu jirkbu l-karrozza u jipparkjawha biswit il-mutur. Meta

l-vittma jlesti mill-ordni jerga' jmur fuq il-mutur biex jitlaq u wara xi ftit metri johrog wiehed u jwaqqghu bil-mutur u ssir is-serqa (Dok RD1).

**Is-Supretendent James Grech** ikkonferma Dok. LZ16 li huma kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ta' Kersten Camilleri fl-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) u li l-kawza kienet ghadha *sub judice.* **L-Ispettur Lydon Zammit** ikkonferma Dok. LZ18 li hu digriet tal-helsien mill-arrest moghti mill-Magistrat Caroline Farrugia Frendo lil Simon Camilleri u li kienu ghadhom in vigore. Dok. LZ19 hija sentenza fil-konfront ta' Kersten Camilleri datata dsatax ta' Awwissu 2019 u LZ20 li hija sentenza fil-konfront ta' Simon Camilleri moghtija mill-Magistrat Ian Farrugia. Finalment **Emerenziana Agius** mill-Qorti pprezentat vera kopja tad-digriet tal-helsien mill-arrest lil Simon Camilleri datat tnejn (2) ta' Awwissu 2016 li kien ghadu vigenti (Dok. EA1).

L-**Ispettur Joanna Piscopo** xehdet a rigward meta Kersten Camilleri nqabad jipprova jiftah il-vettura ta' Rosanne Aquilina li meta nqabad mill-pulizija kien qalilhom li dik il-vettura kien juzaha hu u li kien ghalaq ic-cwievet go fiha u wara li gie arrestat u nterrogat kien qal illi l-vettura kien nesa s-sigaretti go fiha. Hija tghid illi apparti li kien hemm bicca njama imqabbda mal-bieba ta' din il-vettura nstab turnavit mal-art ezatt taht il-vettura li Kersten ammetta li kien tieghu (Dok. JP1).

Tghid ukoll illi meta Kersten Camilleri kien rega' gie arrestat fuq is-serqa ta' Bormla u gie misjub imdendel barra mit-tieqa, instabet Fiat Punto bin-numru CAC 305 li din kienet tappartjeni lil omm Kersten u cioè Therese Agius li giet elevata u fejn fiha nstabu diversi oggetti relatati mas-serqiet li gew indikati minn WPS 41.

Rat illi matul dawn il-proceduri l-imputat Kersten Camilleri kien qed jigi segwit permezz ta' Ordni ta' Supervizjoni Temporanja minn Odelsie Vella Bayliss però ma sar l-ebda progress tant li baqa' jkun pozittiv ghad-droga u kien riluttanti li jiehu xi tip ta' kura u dan jidher mid-diversi rapporti li gew pprezentati tul din il-kumpilazzjoni.

Rat ukoll is-*Social Inquiry Report* imhejji fuq talba tal-imputat Simon Camilleri (Dok JF1) fejn l-ufficjal tal-Probation Joanna Farrugia spjegat il-hajja turbolenti tal-imputat u li kien ilu bil-vizzju tad-droga u li kien importanti li jekk johrog mill-habs ma jasoccjax ruhu ma' persuni hziena.

**IKKUNSIDRAT**

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingib dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom*

*jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to*

*protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi dan qed jinghad mhux ghaliex f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha oltre' d-dubju dettat mil-ligi izda bil-kontra. Irrizulta illi l-prosekuzzjoni kellha f'idejha prova regina tal-istqarrija tal-imputat Kersten Camilleri li ammetta dawn id-delitti u kif ukoll implika lill-imputat l-iehor Simon Camilleri mieghu izda però kif qal gustament l-abbli difensur ta' Simon Camilleri li ammissjoni ta' akkuzat ma tapplikax ghal koakkuzat l-iehor, il-prosekuzzjoni ma waqfitx hemm u gabet provi ohra in sostenn tal-kaz taghhom. Illi fejn ma taqbilx mal-abbli difensur tal-imputat Simon Camilleri huwa l-fatt tal-fingerprints fejn jghid illi l-prosekuzzjoni naqset milli televa dawn l-impronti. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-prosekuzzjoni ma kellhiex ghalfejn tiehu dawn l-impronti u dan ghaliex l-oggetti elevati u li jappartjenu d-derubati kienu nstabu fil-pussess tal-imputati u ghalhekk ma kienx jaghmel sens li jelevaw xi impronti digitali minn fuqhom.

**<u>Serqiet lil Waqas Gul</u>**

Dawn jikkonsistu f'serqa li saret f'San Gwann fl-14 ta' April 2020 u ohra li saret f'Bormla fit-8 ta' April 2020. Illi mid-depozizzjoni tal-vittma Waqas Gul li huwa persuna li jiehu l-ikel lid-dar tan-nies hareg car illi fil-kaz ta' Bormla gharaf lill-imputati li kienu qeghdin jordnawlu jtihom il-pouch u li wiehed minnhom li gharaf lill-imputat Kersten Camilleri, kien qed jheddu b'sikkina. Illi ghalkemm ma jippuntax ghal Simon Camilleri li kien qed igorr sikkina izda hareg car illi dan kien qed jippartecipa attivament f'dik is-serqa li kienet qed issir tant illi jghid illi dawn it-tnejn telqu flimkien. Illi però fis-serqa ta' San Gwann il-vittma jghid li t-tnejn li huma kellhom sikkina fuqhom.

Illi fl-istqarrija tal-imputat Kersten Camilleri li saret wara li nghata d-drittijiet kollha lilu kkonferma illi b'kumbinazzjoni saru zewg serqiet fuq l-istess persuna u jkompli jghid illi peress li kien qed jiehu d-droga ma beda jara xejn ghalkemm huwa thassar lil dak il-persuna li seraq. Huwa kkonferma ghalhekk li s-serqiet ghamilhom hu.

Illi però l-prosekuzzjoni ma waqfitx hemm u mill-filmati esebiti in atti johrog il-*modus operandi* tas-serqiet. Fil-fatt, ghalkemm kif qal ben tajjeb l-abbli avukat difensur li l-filmati mhumiex cari, jidher il-mod ta' kif kienu jsiru s-serqiet. Jidher illi Kersten Camilleri ma kienx wahdu izda kien ma' ragel iehor. Jidher illi kienu qeghdin juzaw vettura Fiat Punto li wara hareg li hija ta' omm Kersten Camilleri. Hareg ukoll illi l-vittma gharaf liz-zewg imputati sija meta saret l-*identification parade* u anke fil-Qorti.

Illi ta' min jghid illi r-ritratti tal-persuni li dehru fuq din l-*identification parade* huma nies somiljanti hafna u mhux minnu kif qal l-abbli difensur tal-imputat Simon Camilleri li dan biss kien persuna ta' certu età izda kien hemm mill-inqas persuna ohra li kienet toqrob ghall-età tal-istess Simon Camilleri.

Fattur iehor li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova permezz ta' provi cirkostanzjali huwa l-fatt illi z-zewg imputati nstabu f'residenza wahda bl-imputat Kersten Camilleri jipprova jahrab wara li l-pulizija identifikaw ruhhom. Instabet ukoll ir-refurtiva sija biswit ta' fejn kien qed jixxabbat Kersten u anke gor-residenza nnifisha fejn instab ukoll l-istess Simon Camilleri.

Illi ghalhekk m'hemmx ombra ta' dubju li dawn iz-zewg serqiet saru miz-zewg imputati hekk kif addebitati lilhom.

**<u>Serqa Zabbar – Liyaz Maqbel Maqboal Ahmed</u>**

Illi din is-serqa wkoll saret bl-istess metodologija fejn il-vittma jmur jiehu xi ikel bid-delivery u l-imputati serqulu l-pouch li fih kien izomm il-flus u li jghid li kellu bejn tliet mija u erba' mitt ewro (€300-€400) fih. Jghid ukoll illi wiehed minnhom kellu sikkina u heddu biha. Il-vittma gharaf liz-zewg imputati anke jekk dawn kienu bil-maskra huwa kien cert minn din l-affermazzjoni u ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita minnha u dan ghaliex hareg car mill-ammissjoni

tal-istess Kersten li huwa kien involut f'din is-serqa flimkien ma' persuna ohra li semma izda minhabba l-fatt dawn huma koakkuzati din il-Qorti ma hijiex ser tibbaza r-rizultanzi taghha fuq dan il-fatt.
Illi di piu' fl-istqarrija ta' Kersten Camilleri dan jghid illi kien cempel ghal delivery minn numru ta' ommu 77975999. Ikkonferma dak li kien qal Liyaz meta talbu lura l-mobajl ghax kien thassru.

**Serqa Bormla – Dean Abela**

Illi f'din is-serqa l-imputat Kersten Camilleri huwa akkuzat wahdu li kkommetta din is-serqa bl-istess *modus operandi* tal-ohrajn. Illi l-vittma Dean Abela spjega kif saret din is-serqa u gharaf lill-imputat Kersten Camilleri u jghid illi dan hareg sikkina bil-ponta ghalih. L-istess Kersten Camilleri kkonfessa din is-serqa u anke ta l-informazzjoni kollha hekk kif gie spjegat mill-vittma ta' kif iltaqghu, minn fejn saret it-telefonata tal-ordni etc izda stante li l-vittma ra persuna wahda biss, gustament il-prosekuzzjoni attribwew din is-serqa biss ghal Kersten.

**Attentat ta' serqa ta' vettura Toyota Yaris**

Illi ma hemmx dubju illi l-imputat Kersten Camilleri nqabad *in flagrante delictu* u gab kemm gab skuzi l-imputat xejn ma jnehhi illi hu nstab mill-membri tal-RIU jipprova jisgassa din il-vettura u mieghu kellu bicca njama u turnavit li hu stess

kkonferma li kienu tieghu. Inoltre' hareg ukoll li minn dan l-attentat il-karrozza garrbet hsarat a dannu ta' Rosanne Aquilina.

**Ricettazzjoni – Kia Ceres EAP 773**

Illi l-imputat Kersten Camilleri jinsab akkuzat wahdu ghal dan ir-reat ta' dan il-vann appartenenti lil Fisal Mohamed Yacoob. Illi anke ghal dan ir-reat l-iskuza li gab Kersten kienet wahda *puerili* fejn jghid illi dan sabha miftuha u ghalhekk ddecieda li jidhol fiha. Frankament lanqas ix-xhieda ta' min kienet mieghu u cioè Stephania Tonna ma ghandha ghalfejn tigi mehuda inkonsiderazzjoni ghaliex kien car u ovvju li din taparsi insiet hafna mill-affarijiet meta kienet bil-gurament bhal kif Kersten startja dan il-vann meta fil-fatt *a tempo vergine* kienet qalet lill-pulizija li Kersten startjaha billi beda jhawwad fil-wajers taht l-isteering.

Illi l-principji tar-reat ta' ricettazzjoni huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna. Skont il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Darren Debono** deciza fil-15 ta' Jannar 2009 intqal is-segwenti:

> *"... ... sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe':*
> *1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;*

*2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima; w*

*3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim "Il-Pulizija vs. Bugelli" [24.1.1942]; "Il-Pulizija vs. Giovanni Grima" [25.10.2002])*

Illi l-element formali ta' dan ir-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza llecita' tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi ppruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi ndizjarji. L-istess fl-Appell Kriminali **<u>Il-Pulizija vs. John Briguglio</u>** deciza fl-24 ta' Gunju 1961 (per Harding J.) kien gie ritenut li:-

*"Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

Gie wkoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina jkun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella jmissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f'pussess ta' dak l-oggett b'mod illecitu u b'dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u

jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. J. Briguglio** [24.6.1961]; **Il-Pulizija vs. John Dimech** [24.6.1961]; **Il-Pulizija vs. George Tabone** [24.6.1961] u **Il-Pulizija vs. Tancred Borg** [26.10.1998]).

In linja ma kif jghid l-awturi **Kenny**:

> *"The knowledge: The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. ...when an unlikely vendor offers them for an unlikely price ... His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously ... or making no written entry of having bought them."*

Illi l-awtur Ingliz **Archbold** fil-ktieb **Criminal Pleading, Evidence and Practice**, (1997, paras. 21-125, 21-126) qal hekk:-

> *"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from Cross on Evidence,5th. ed., p.49 (now 8th. ed., p.35): "if*

*someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen....The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

*Every case depends on its own facts. ....It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and*

*how that fits in or does not fit in with the other available evidence."*

Illi ghalhekk, gialadarba l-imputat ma tax spjegazzjoni plawsibbli ta' kif gie misjub fil-pussess ta' dan il-vann li wara kollox kien vann li gie misruq ftit qabel dan il-fatt u gialadarba l-imputat ma kienx fil-pussess ta' cavetta li turi b'xi mod li ottjena din il-vettura b'mod legittimu, dawn il-fatturi kollha jinducu ghal fatt illi dan ir-reat gie ppruvat kontra l-imputat Kersten Camilleri.

**Ksur sentenzi/recidiva – Kersten Camilleri**

Illi l-imputat Kersten Camilleri huwa addebitat b'diversi akkuzi fosthom tar-recidiva taht l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll talli kiser Ordni ta' Probation moghtija mill-Magistrat Simone Grech fl-10 ta' Awwissu 2019 kif ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ta' din il-Qorti kif presjeduta datat 10 ta' Novembru 2017. Illi s-sentenzi a rigward l-addebitu tar-recidiva gew ipprezentati u kkonfermati mid-Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali li dawn huma definittivi. Illi l-istess sar ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 10 ta' Awwissu 2019 fejn l-imputat kien inghata Ordni ta' Probation u li llum saret ukoll *res judicata* izda peress illi l-Avukat Generali ma nizzilx l-Artikolu applikabbli ghal ksur ta' din l-Ordni u cioè l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 din il-Qorti ma tistax tapplikah u kwindi ssib htija. Ghal dak li jirrigwardja d-digriet tal-helsien mill-arrest,

ghalkemm dan gie pprezentat u kkonfermat, hadd ma tela' biex jixhed jekk f'dak il-mument tar-reati kienx l-istess wiehed jew jekk kienx hemm xi varjazzjoni minnu.

**Ksur ta' digriet tal-helsien/recidiva – Simon Camilleri**

Illi l-imputat Simon Camilleri huwa akkuzat bi ksur ta' zewg digrieti tal-helsien mill-arrest datati 27 ta' Awwissu 2019 u 2 ta' Awwissu 2016. Dawn iz-zewg digrieti gew esebiti u kkonfermati minn rapprezentanta tal-Qorti u Tribunali Kriminali Emerenziana Agius li ghadhom in vigore però ma kkonfermatx jekk dak iz-zmien tar-reati kinux l-istess jew varjati. Dak li hu importanti li jigi ppruvat huwa l-istat ta' dawk id-digrieti fid-dati tar-reati addebitati lill-imputat u dan certament ma sarx. Mhux l-istess jinghad ghal dak li jirrigwardja l-addebitu tar-recidiva ghaliex Eunice Grech Fiorini esebiet is-sentenzi ghaz-zewg imputati odjerni u kkonfermat illi dawn huma definittivi u llum il-gurnata huma *res judicata*.

**Ir-reat ta' sekwestru**

Illi z-zewg imputati huma akkuzati wkoll bir-reat ta' sekwestru tal-persuna stipulat bl-Artikolu 86 li hu aggravat bl-Artikolu 87(1)(e). Illi dawn l-Artikolu jghidu s-segwenti:

> *"86. Kull min, bla ordni skont il-ligi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà taghha,*

*jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn: Izda, il-qorti tista', fil-kazijiet hfief, taghti l-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.*

*87.(1) Il-piena tad-delitt imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan, tkun ta' prigunerija minn tlettax (13)-il xahar sa sitt (6) snin fil-kaz li tirrizulta wahda jew izjed mic-cirkostanzi li gejjin: ...*

*(e) jekk id-delitt ikun sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna oħra tkun imgieghla taccetta li tagħmel xi trasferiment ta' hwejjigha."*

Dwar dan ir-reat il-**Professur Mamo** fin-noti tieghu fuq il-Ligi Kriminali jghid dan is-segwenti:

*"Now the material element of the crime under discussion consists in arresting, detaining or confining any person against his will, without a lawful order from the competent authority......*

*The words 'arrest' 'detention' and 'confinement' are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty. 'Il reato esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che*

*agisce o cammina; sian quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro.'....... The illegal arrest may subsist as an offence although it is not followed by detention or confinement. Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place......*

*The crime is, in the third place, aggravated when the person arrested, detained, or confined is subjected to any bodily harm or is threatened with death..."*

Illi ghalhekk huwa car u evidenti li meta l-vittma ta' dawn ir-reati gie rinfaccjat minn wiehed mill-imputati jew it-tnejn li huma b'sikkina ppuntata lejh dan jinkwadra perfettament mar-reat ta' sekwestru hekk kif deskritt mill-Professur Mamo hawn fuq. Issa fir-reati ta' serq addebitati lill-imputati kien Kersten Camilleri li uza sikkina fis-serqiet li saru fil-konfront ta' Waqas Gul f'San Gwann u Bormla, f'dik li saret fuq Dean Abela, u dik li saret fil-konfront ta' Liyaz Ahmed f'Haz-Zabbar u dawk fil-konfront ta' Simon Camilleri intuzat sikkina biss f'dik ta' San Gwann fil-konfront ta' Waqas Gul.

Hu mmaterjali l-fatt illi s-sikkina ma nstabitx mill-prosekuzzjoni ghaliex hareg car mix-xhieda esebiti illi ntuzat sikkina u nghatat deskrizzjoni taghha li kienet sikkina ppuntata u twila.

**Piena**

Illi meta giet biex tikkalibra l-piena hadet kont fil-kaz ta' Kersten Camilleri l-fedina penali vasta tieghu u tal-fatt illi huwa ma ghamel xejn sabiex jipprova jirriabilita ruhu u ghalhekk sabiex tikkawtela wkoll is-socjetà ingenerali ser timponi piena karcerarja. A rigward Simon Camilleri ugwalment il-fedina hija wahda kkulurita u ma tarax ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex taghti wkoll piena karcerarja.

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 31, 49, 50, 289, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270, 275, 280(2), 334(a), 86, 87(1)(e), 41(1)(a), 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 279(b) u 325(1)(c) Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 6 u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta; qed ssib lill-imputat:**

- **Kersten Camilleri** hati tal-akkuzi 1, 2 u 3 (2 u 3 mezz ghal fini) 4, 5, 6 (5 u 6 mezz ghall-fini) 7, 8, 9 (8 u 9 mezz ghall-fini) u l-akkuzi 1, 2, 3 (2 u 3 mezz ghall-fini), 4 u 5 (5 mezz ghall fini), 6 u 9 (fil-konfront ta' Kersten Camilleri wahdu) u tikkundannah ghal piena ta' erba' (4) snin u hames (5) xhur prigunerija filwaqt li tilliberah mill-akkuza sebgha (7) u tmienja (8) fil-konfront tieghu wahdu stante li ma gietx ippruvata;

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 31, 49, 50, 289, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270, 275,**

**280(2), 263(a), 267, 270, 271(g), 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 6 u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta; qed ssib lill-imputat:**

- **Simon Camilleri** hati tal-akkuzi 1, 2 u 3 (2 u 3 mezz ghall-fini), 4, 7 u 3 (fil-konfront ta' Simon Camilleri wahdu) u tikkundannah ghal piena ta' tliet (3) snin prigunerija filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha fuq nuqqas ta' provi.

Finalment u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-imputati Simon Camilleri u Kersten Camilleri *in solidum* ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal erba' mija u sebgha u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (€427.50).

_________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registrat**